MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 77/2014

Il-Pulizija

vs

**Alexander Gerald Valenzia**

iben Arthur , imwieled Hamrun, fl-24 ta’ Mejju, 1962, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 404662(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alexander Gerald Valenzia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xahar ta' Novembru 2013 u tlett xhur ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Ingrid Valenzia u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni u/jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-istess imputat hati skont l-

akkuza dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu piena ta' xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Alexander Gerald Valenzia minnu pprezentat fis-27 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fis-sbatax (17) ta' Frar 2014, mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Anthony G. Vella u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternativalment f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi u dan billi, filwaqt li tikkonferma l-parti fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz, u dan skont dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-appellant jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tenut il-fatt illi din kienet l-ewwel darba li l-appellant tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fuq tali akkuza, u kif diga gie hawn fuq sottomess, in-nuqqas ta' hlas mhuwiex wiehed kapriccuz, u lanqas ghax ried li jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kwistjoni dettata mic-cirkostanzi li l-appellant sab ruhu fihom kemm meta spicca b'riduzzjoni fis-salarju tieghu u kemm ukoll meta safa' bla xoghol ghal seba' xhur shah u gie ffaccjat b'diffikultajiet finanzjarji.

2. Illi l-Qorti Inferjuri naqset li taghmel referenza ghall-kuncett ta' "nemo ad impossibilia tenetur" fejn wiehed ma jistax genwinament jistenna li persuna thallas, meta huwa mpossibbli li taghmel dan, specjalment minhabba ragunijiet li ma kienux taht il-kontroll ta' l-appellant.

Illi fis-sentenza deċiża mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Publius Said deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

*'l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skruplozament.'*

Illi fis-sentenza deċiza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi deċiza fis-26 ta' Settembru 2011, deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imħallef David Scicluna) ġie deċiz li in vista ta' dak deċiz fis-sentenza il-Pulizija vs. Publius Said, 'konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunrija, u minflok kkundannatu għall-ħlas ta' ammenda ta' tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċentezmu (€58.23), liema somma tiġi kkonvertita f'ħamest ijiem detenzjoni jekk ma titħallasx minnufiħ.'

Illi anki fis-sentenza deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Mario Gafà, deċiz fl-1 ta' Novembru 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma ħallasx il-manteniment għax-xhur ta' Awissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospizi għal sena ai termini tal-artikolu elfejn u tmienja u erbgħin euro (€2,048).

Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f'din is-sentenza ċitata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat s-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafà xahar priġunerija sospizi għal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat li jħallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbgħin euro (€2,048) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jerġax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.'

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Brincat deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma' ħallasx manteniment għax-xhur ta' Ġunju 2011 u Lulju 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospiz għall sena ai terminu tal-artikolu 28A tal- Kapitolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex iħallas is-somma ta' erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqgħet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta' 'xahar priġunerija sospiza għal sena u minflok qed tikkundannaħ iħallas amenda ta' €58.'

3. Illi, l-Qorti Inferjuri njorat il-fatt tar-rikors pendenti fejn jikkontesta' d-digiret tat-tletin (30) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) ai termini tal-Artikolu 3B(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ma setghatx issib l-imputat hati fuq dan id-digriet.

Dan id-digriet tal-Qorti tal-Familja nghata fuq rikors intavolat minn omm il-wild u peress illi l-wild maggorenni tal-partijiet, imwieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995), ma hux parti fil-kawza tas-separazzjoni tal-genituri tieghu u allura isegwi illi l-wild maggorenni m'ghandux locus standi u konsegwentement la hu personalment u lanqas xi hadd mill-partijiet ghan-nom tieghu ma jistghu jitolbu fil-kawza tas-separazzjoni provvedimenti gudizzjali fir-rigward ta' pretensjonijiet tal-wild maggorenni.

Ukoll, Zak, illum, ghandu 19 il-sena, huwa fil-verita' registrat ma' skola, pero' l-attendenza tieghu hija fqira u ma jistax jinghad li qieghed jistudja.

U wkoll, Zak huwa finanzjarjament indipendenti peress li l-ghajnuna tal-Gvern ta' circa hames mitt-ewro (€500) fix-xahar tinghata ghal dan il-ghan.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tad-22 ta' Ottubru, 2014 jirrizulta li l-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-meritu kif ukoll il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija din il-Qorti mhix qed tilqa l-aggravju fuq il-meritu.

Illi dwar l-aggravju ta' l-erogazzjoni tal-piena din il-Qorti ser tilqa' l-appell.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija tal-appellant. Dwar l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed thassar u tirrevoka l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u minflok tillibera lill-appellant taht il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------